MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum, 25 ta' Novembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**Vs**

**Dilenia De La Cruz Flores**
**(Passaport tar-Repubblika Dominicana RM0075056)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Dilenia De La Cruz Flores** talli gewwa 'Matson Message' gewwa Triq il-Karmnu, Hal-Luqa, gewwa dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Novembru, 2018 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) Xjentement, ghexet, ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuni ohra, barranin u dan bi ksur tal-artikolu 7 (1) tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Bhala persuna responsabbli minn hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat halliet jew ippermettiet li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali u dan bi ksur tal-artikolu 9 tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Ghamlet uzu mill-fond 'Matson Message' gewwa Triq il-Karmnu, Hal-Luqa, ghal skopijiet barra minn dawk l-iskopijiet licenzjati ghalihom u dan bi ksur tal-artikolu 7 u 18(d) tal-legislazzjoni sussidjarja 409.08 u ghaldaqstant bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja skont l-artikolu 23 (1) tal-istess legislazzjoni, u cioe` bi ksur tal-artikolu (1)(b) tal-Kapitlu 409 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbilita mil-Ligi, joghgobha tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-Prosekuzzjoni irtirat it-tielet imputazzjoni;

Semghet lill-imputata tammetti ghall-ewwel u ghat-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront taghha, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti tatha zmien biex tikkonsidra l-istess ammissjoni;

Semghet lill-prosekuzzjoni u lid-difiza jitrattaw dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront taghha. Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-istess ammissjoni u rat id-dokumentazzjoni esebita, hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata u wkoll il-fedina penali netta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 7 (1) u 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tiddikjara lill-imputata **Dilenia De La Cruz Flores** hatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal **erbatax (14)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin mil-lum** filwaqt li mhux qed tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba' (4) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha msemmija fir-ricevuta esebita mill-Prosekuzzjoni u mmarkata bhala Dokument JB3.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur